**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 15 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors numru:- 404/2015JVC**

**Maria Gloria Farrugia**

**Vs**

**Registratur tal-Qrati u Tribunali (Ghawdex)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fejn l-attrici ppremetiet:-

Illi l-esponenti giet innotifikata b'ittra ufficjali (Ittra numru 404/2015) mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali (Ghawdex) spedita fit-termini tal-artikolu 466 tal-Kap.12 sabiex thallas id-dritt tar-registru ta' hames mija u ghaxar ewro u erbatax-il centezmi (€510.14) fil-kawza fl-ismijiet: Josephine Masini et vs Dionysius sive Dennis Borg et (Citaz. Numru 193/1997), deciza fid-29 ta' Novembru 2002;

Illi l-esponenti trid tikkontesta din it-talba ghall-hlas billi fl-ewwel lok it-talba tinsab perenta ai termini tal-artikolu 2156(g) tal-Kap.16. Fi kwalunkwe kaz l-ammont mhuwiex dovut mil-esponenti;

Ghaldaqstant titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali (Ghawdex) fl-ewwel lok li l-ammont mitlub jinsab preskritt skont il-ligi, u subordinatament tiddikjara li fi kwalunkwe' kaz l-istess talba hi wahda infondata fid-dritt u fil-fatt, u li l-ammont mhuwiex dovut mill-esponent.

Rat ir-risposta tar-Registratur, Qrati u Tribunal (Ghawdex) kif isegwi:

'Illi l-preskrizzjoni nvokata mir-rikorrenti ma tistax tintlaqa' ghaliex huwa nkoncepibbli u guridikament insostenibbli illi r-rikorrenti tqajjem il-preskrizzjoni u fl-istess nifs tghid illi l-ammont m'huwiex dovut mill-esponenti.

Ghaldaqstant, ir-rikors odjern ghandu jigi respint bl-ispejjez.'

Rat l-atti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat li fil-verbal tal-4 ta' Dicembru, 2015 inghalqu l-provi u l-partijiet qablu li r-rikors imur ghad-decizjoni ghal-lum.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi bejn il-partijiet ma hemmx kontestazzjoni dwar is-sentenza li inghatat u msemmija fir-rikors promotorju u lanqas dwar l-ammont ta' taxxa mitluba mir-Registratur intimat.

Illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija jekk l-ammont dovut jistax jigi dikjarat li huwa preskritt jew le u skond ir-rikorrenti li fi kwalunkwe kaz l-ammont mhux dovut minnha.

**<u>Preskrizzjoni:</u>**

Ir-rikorrenti ssostni li ghadda t-terminu ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156 (g) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-fatt is-sentenza in kwistjoni giet deciza nhar id-29 ta' Novembru, 2002 filwaqt li l-ittra ufficcjali numru 404/2015 giet notifikata lir-rikorrenti nhar it-18 ta' Gunju, 2015 u ghalhekk it-trapass taz-zmien ta' preskrizzjoni difficilment jista' jigi kontestat. L-istess Registratur ddikjara li ma ghandu l-ebda dokumentazzjoni ohra dwar jekk kienux saru

nterpellazzjonijiet qabel din l-ittra u Dr. Mary Debono Borg bhala Registratur issostni fix-xhieda taghha li l-unika prova li l-ammont ghadu ma thallasx huwa li dan baqa jitmexxa minn sena ghall-ohra bhala dovut fuq is-sistema tal-Qorti ghaliex qabel ma kienux jinzammu 'records' (fol. 10 et seq);

Illi apparti minn hekk ir-rikorrenti ssostni fir-rikors li fi kwalunkwe kaz l-ammont mhux dovut u fix-xhieda taghha a fol. 6 et seq tal-process issostni li hija kienet hallset kollox u prezentat ircevuti ta' spejjez extra-gudizzjarji fuq diversi kawzi mahruga minn Dr. Mario Scerri (fol. 9) filwaqt li mistoqsija diversi drabi jekk thallasx l-ammont tghid li sa fejn taf hi sar il-hlas izda ssostni li ghaddew hmistax-il sena. Ssostni wkoll li 'konna rbahniha b-ispejjez b'kollox. Jigifieri dak li kien hemm kontrina kellu jhallas kollox' (fol. 6). Izzid tghid li sa fejn taf hi 'ahna ma kellna nhallsu xejn' u meta mistoqsija jekk ghandhiex prova li r-Registratur thallas taghmel referenza ghall-ircevuta ta' Dr. Mario Scerri gia msemmija a fol. 9 tal-process.

Illi l-artikolu 2160 (1) jaqra kif isegwi:

'(1) Il-preskrizzjoni imsemmija fl-artikolu 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.'

Jirrizulta li fix-xhieda taghha Josephine Masini taghti diversi versjonijiet cioe' illi l-flus gabarhom l-Avukat, illi sa fejn taf hi thallas kollox u li dawn l-ispejjez kellhom jithallsu mill-parti l-ohra fil-kawza li kontra taghha nqatghu l-ispejjez u li hi ma kellha thallas xejn. Il-Qorti tqis li l-ebda wahda minn dawn il-versjonijiet ma tikwalifika bhala stqarrija skjetta u cara li r-rikorrenti mhix debitur jew stqarrija skjetta u cara li hi ma tiftakarx li l-haga giet imhallsa jew le. Ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti li t-talba ghall-hlas hija preskritta qed tigi michuda.

**<u>L-ammont mhux dovut:</u>**

Izda minn naha l-ohra fix-xhieda taghha r-Registratur tal-Qorti wisq anqas instemghet certa jekk l-ammont ghadux dovut jew le tant li ammettiet li 'pero' l-fatt li ghadhom imnizzlin bhala due fis-sistema taghna ma jkunux thallsu. Minn dik nistghu nassiguraw. M'iniex qed nghid li ma jistax ikun hemm zball imma fil-maggoranza zgur li hekk.' (fol. 10)

Illi fid-dikjarazzjoni guramentata tar-Registratur a fol. 17 tal-process notifikata flimkien mal-ittra ufficcjali lir-rikorrenti l-istess Registratur iddikjarat li s-somma ghadha ma thallsitx u ghalhekk hija dovuta. Minn naha l-ohra izda fix-xhieda taghha ma nstemghetx daqshekk certa li s-somma ghadha ma thallsitx. Il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-Registratur intimat li hu stess mhux cert jekk l-ammont hux dovut jipretendi li din il-Qorti minghajr provi sufficjenti tikkonferma t-talba tal-istess Registratur ghall-hlas. Jidher li qed isir ezercizzju 'trial and error' mir-Registratur sabiex jirkupra li jista' u minn kumbinazzjoni jiprezenta rcevuta allura jigi kunsidrat li hallas min ma jirnexxilux iressaq l-ircevuta ta' xi haga li tkun thallset anki l-fuq minn ghaxar snin ilu jkollu jerga jhallas. Din il-Qorti zgur li ma tistax tkun hi stess li tissanzjona tali agir.

Il-Qorti ghalhekk filwaqt li ma tiddubitax mill-intenzjonijiet tajba tar-Registratur meta giet prezentata l-ittra ufficcjali li fuq kollox qed taghmel xogholha, izda in vista tal-incertezza u n-nuqqas ta' provi li jevidenzjaw mod iehor, ma tqisx li tressqu bizzejjed provi sal-grad rikjesti mil-ligi sabiex jevidenzjaw li l-ammont huwa verament dovut jew li m thallasx w'ghalhekk it-tieni eccezzjoni mqajjma mir-rikorrenti ser tigi milqugha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost u ghar-ragunijiet suesposti, l-Qorti filwaqt li tichad it-talba tal-preskrizzjoni mqajjma mir-rikorrenti, tilqa' t-talba tar-rikorrenti li l-ammont mhux dovut u tiddikjara bhala infondata t-talba tar-Registratur intimat kontenuta fl-ittra 404/2015.

Bl-ispejjez kontra r-Registratur.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Maġistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur